MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 18/2011

**Pierre Caruana (ID 471986M)**
**vs**
**Sarah Micallef (ID 254190M)**

Illum 11 ta' Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat ir-rikors propmotur ippresentat fl 20 ta' Jannar 2011 fejn ir-rikorrent talab lil dina l-Qorti tikkundanna lill-intimata Sarah Micallef thallas lir-rikorrent is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) rappresentanti self brevi manu li sar minnu stess lill-intimata sabiex tixtri vettura ossija Peugeot 107 bin-numru SPC 025.

Rat ir-risposta ta' Sarah Micallef ippresentat fit-18 ta' Marzu 2011 fejn laqghet ghal dak lilha addebitat billi qalet li hija qatt ma sselfet xi flus minghand ir-rikorrent.

Rat l-affidavit ta' **Pierre Caruana** ippresentat fis 7 ta' Lulju 2011 flimkien ma' dokumentazzjoni hemm esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Michelle Attard**, rappresentanta ta' Michael Attard Limited, moghtija fit 28 ta' Ottubru 2011 illi xehdet dwar il-vettura SPC 025 illi giet mibjugha lis-socjeta Michael Attard Limited bi taprtit mill-intimata fis-16 ta' Frar 2011.

Semghet ix-xhieda ta' **Stephen Cachia**, rappresentant tad-Direttorat tal-Licenzji fi hdan it-Transport Malta, moghtija fit 28 ta' Ottubru 2011, illi xehed dwar il-vettura SPC 025 illi kienet giet trasferita minghand l-intimata ghal fuq Michael Attard Limited fis 16 ta' Frar 2011, skond records li instabu fl-istess Direttorat.

Semghet ix-xhieda ta' **Patrick Scerri**, rappresentant tal-Bank of Valletta, Mellieha branch, mogthija fit 28 ta' Ottubru 2011, illi xehed dwar loan ta' hamest elef u erbgha mija illi r-rikorrent ottjena mill-Bank ghal 'personal requirements' u li gie lilu moghti fit 28 ta' Jannar 2010. L-istess xhud ikkonferma wkoll cheque mahrug mill-Bank fuq ordni tar-rikorrent datat 28 ta' Jannar 2010 u mahruga a favur ta' certa Joseph Darmanin, fis-somam ta' sebat elef, sitt mija u tmienja u tmenin euro u erbghin centezmu (€7,688.40).

Semghet ix-xhieda ta' **George Caruana** prodott mir-rikorrenti u moghtija fl 1 ta' Frar 2012 flimiien ma' dokumenti minnu ppresentat, illi xehed dwar vettura illi hu flimkien mal-partner tieghu, Joseph Darmanin, kien biegh lir-rikorrent, bin-numru ta' ANT 321, liema numru l-istess xhud ikkontenda li inbidel ghal SPC 025, liema vettura kienet inbieghet mill-partner tieghu, Joseph Darmanin.

Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Darmanin**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fl 1 ta' Frar 2012, illi xehed dwar ftehim milhuq bejnu u bejn ir-rikorrent fis-26 ta' Jannar 2010, fejn ir-rikorrent kien ser jixtri minghand Darmanin vettura Peugoet 107, Numru ANT 321. Huwa stqarr illi dakinhar tal-ftehim, dana sar bejnu u bejn ir-rikorrenti. Il-ftehim sar fil-presenza ta' xi genitur tal-intimata illi, wara li indikaw li isem is-sid tal-vettura, ossija George Caruana, u

isem l-intimata kellhom jiddahhlu, isimhom gie mizjud mal-ftehim sussegwentement.

Semghet ix-xhieda ta' **Pierre Caruana**, in kontro ezami, moghtija fis 16 ta' Marzu 2012.

Rat l-affidavit ta' **Sarah Micallef** u dokumenti minnha esebit, kif ukoll l-affidavit ta' **Patricia Borg**, omm l-intimata, u **Mario Cardona**, il-habib ta' omm l-intimata, lkoll ippresentati fil-15 ta' Ottubru 2012.

Semghet il-kontro ezami ta' **Sarah Micallef** moghtija fit 18 ta' Marzu 2013.

Semghet il-kontro ezami ta' **Patricia Borg** moghtija fit 18 ta' Marzu 2013.

Semghet il-kontro ezami ta' **Mario Cardona**, moghtija fit 18 ta' Marzu 2013.

Rat illi fit 18 ta' Marzu 2013 il-kawza giet differita ghall-presentata tas-sottomissjonijiet.

Rat illi fid 29 ta' April 2013 ir-rikorrent ippresenta in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu filwaqt illi fit 12 ta' Lulju 2013 l-intimata ippresentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

**Ikkunsidrat**

Mill provi kollha prodotti mill-partjiet jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom ta' madwar tlettax-il xahar u, mument minnhom, kienu anke bdew bl-arrangamenti ghaz-zwieg, liema arrangamenti izda eventwalment sfrattaw meta hassru bejniethom.

Jirrizulta illi, f'mument minnhom, l-intimata, illi ghandha tarbija minn relazzjoni ohra, wriet ix-xewqa illi tixtri vettura sabiex tkun tista tkun aktar libera fil-muvimenti taghha izda, peress illi hija kienet single mother u tippercepixxi biss l-introjtu tal-beneficcji socjali, hija ma setghetx tixtri vettura. Kien ghalhekk illi r-rikorrent offra illi jottjeni loan

minghand il-Bank u bil-flus illi huwa jottjeni, flimkien ma' xi flus illi kienet ser tghaddilha omm l-intimata, hija tixtri vettura.
Kien ghalhekk illi l-partijiet bdew iduru biex jaraw vetturi biex hija tixtri u, fis 26 ta' Jannar 2010, raw vettura ossija Peugeot 107, bin-numru ANT 321, li taghha is-sid, ossija Car Dealer, ridt sebat eleft u tmien mija (€7,800). Ir-rikorrent ghalhekk iffirma karta ma' Joseph Darmanin, li kien il-'Car Dealer', fejn qablu dwar il-bejgh tal-vettura u ghamlu skrittura ta' ftehim bil-hlas ta' depositu u bi qbil li l-kumplament kellu jithallas kollu cash.

Ir-rikorrent, sussegwentement, fis-26 ta' Jannar 2010 stess, ottjena Sanction Letter minghand il-Bank of Valletta tal-Mellieha biex jissellef is-somma ta' hamest elef u erbgha mitt Euro (€5,400) u, fit 28 ta' Jannar 2010, inghatalu cheque mahrug f'isem Joseph Darmanin, fl-ammont ta' sebat elef, sitt mija u tmienja u tmenin Euro u erbghin centezmu (€7,688.40), li kienu jinkludu flejjes illi ghaddiet omm l-intimata lill-intimata.

Fit-28 ta' Jannar 2010, imbghad, gie iffirmat ftehim bejn George Caruana, sid il-vettura u partner fix-xoghol ma' Joseph Darmanin, it-tnejn Car Dealers, u l-intimata fejn gie kkonfermat illi is-sid kien qieghed ibiegh il-vettura Peugeot 107 bin-numru ANT 321 lill-intimata versu il-hlas ta' sebat elef u tmien mija li minnhom parti kienet gia mhallsa bhala depositu u l-kumplament, ossija sebat elef, sitt mija u tmienja u tmenin Euro u erbghin centezmu (€7,688.40) kien qed jithallas lilu bhala cheque, li kien ic-cheque li r-rikrorenti kien ottjena mill-Bank kif fuq deskritt.

Sussegwentement, f'Dicembru 2010 huma hassru ir-relazzjoni ta' bejniethom u ir-rikorrenti beda jitlob lill-initmata sabiex thallsu ghall-vettura illi kien xtralha. Hija rrifjutat illi thallas peress illi insistiet li kien rigal u ghalhekk, f'Jannar 2011 infethet il-kawz odjerna.

Jirrizulta, finalment, li fis 16 ta' Frar 2011 l-intimata partet il-vettura taghha mas-socjeta Michael Attard Limited ghal

vettura ohra illi ommha riedet tixtri, u ta dan ommha kienet taghtha sitt elef u hames mitt Euro (€6,500).

**Ikkunsidrat**

Jirrizula mhux ikkontestat illi r-rikorrent hallas is-somma ta' hamest elef u erbgha mija (€5,400) sabiex tintaxar il-vettura Peugeot 107, liema vettura, inizijalment jidher illi kienet ser tinxtara minghand ir-rikorrent f'ismu izda, sussegwentement, inxtrat f'isem l-intimata, kif jidher fil-ftehim datat 28 ta' Jannar 2010.

Il-kontestazzjoni kollha illi wasslet ghal kawza odjerna hija n-natura tal-hlas li sar da' parte tar-rikorrent. Ir-rikorrent jikkontendi illi huwa kien sellfilha l-flus peress illi hija ma setghetx iggib loan u kienet ser thallsu lura hi, anke in vista tal-fatt li kienu ser jizzewgu. Minn naha l-ohra, l-intimata tghid illi r-rikorrent xtrahilha bhala rigal u qatt ma ried flus minghandha ghal vettura sakemm huma hassru bejniethom.

Ir-rikorrent, sabiex jikkorrobora l-verzjoni tieghu, gab diversi xhieda illi stqarrew dwar il-fatti li kienu jafu. Huwa tella sahansitra iz-zewgt 'car dealers' minghand min huwa attwalment xtara il-vettura li, ghalkemm b'mod kemmxejn nebuluz u konfuz, ikkonfermaw lill-Qorti illi r-rikorrent kien hallas izda l-vettura kienet registrata f'isem l-intimata fuq insistenza ta' xi familjari taghha.

L-intimata, da parte taghha, sabiex tikkorrobora l-verzjoni taghha, tipproduci lill-ommha w il-partner taghha, illi t-tnejn qalu li lir-rikorrent kienu qalulu sabiex ma jgibx loan peress illi rigal lill-intimata ma kienx ser jaghtihulha billi jgib loan ghax l-intimata ma kienet ser thallsu xejn ta' dak li huwa ghamel.

Illi ghalhekk jidher car li l-kwistjoni hija jekk ix-xiri tal-vettura tal-intimata kienx rizultat ta' loan li kellu jintradd lir-rikorrenti, jew rigal tar-rikorrenti lejn l-intimat.

Kazijiet bhal din in ezami, fid-dinja ta' llum, ma humiex daqstant rari u ghalhekk il-Qrati taghha gia ippronunzjaw ruhhom fuq cirkostanzi simili u ghalhekk, ikun opportun li issir referenza ghalihom. Ir-rikorrent jaghmel referenza ghas-sentenza 'Saliba vs Caruana' deciza mill-Prim Awla fis 6 ta' April 2006 fejn din il-Qorti studjat fir-reqqa il-kawzali ta' kawza identika ghal dik kkunsidrata minn dina l-Qorti, u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

*Illi l-azzjoni mibdija mill-attur hija l-azzjoni sussidjarja magħrufa bħala l-actio de in rem verso, li hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni ex contractu. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni;*

*Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (nemo licet locupletari cum aliena iactura). Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata;*

*Illi ingħad ukoll li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qegħda tikseb vantaġġ jew utilita' minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-*

*parti l-oħra b’titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta’ raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta’ parti u l-“ftaqir” tal-parti l-oħra u (e) li min laqa’ għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b’dik il-ħaġa jew b’dak is-servizz;*"

Illi l-elementi indikati mill-Prim Awla, li huma enuncjati fil 'Manuale de Diritto Privato' pubblikat minn Torrenti, jenhtiegu li jigu ezaminati minn dina l-Qorti sabiex jigi stabbilit jekk attwalment jirrizultaw jew le.

Mill-fatti kif proposti, jirrizulta illi l-intimata kisbet vantagg mill-gid tar-rikorrent billi hallas ghal vettura li qed tuza hu, kif ukoll lir-rikorrent tnaqqaslu parti mill-gid tieghu billi daha ghal dejn ta' hamest elef u erbgha mitt Euro (€5,400). Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent dahal ghal loan sabiex tibbenefika minnha l-intimata u ir-rikorrenti qed tibbenefika minn tali fatt billi kellha vettura fil-pussess taghha, liema vettura eventwalment bieghet u inghata sitt elef u hames mitt Euro minghand ommha.

L-ahhar element li l-Qorti ghandha tezamina fir-reqqa hija r-raba indikatur imsemmi minn Torrente u il-Prim Awla, ossija in-nuqqas ta' gustifikazzjoni tal-ftaqir ta' wiehed, ossija r-rikorrent, u l-arrikkiment ta' l-iehor, ossija l-intimata.

Meta wiehed jifli l-fatti kollha illi sehhew, jidher car illi, meta l-partijiet kienu ghaddejin bir-relazzjoni taghhom u kien qed jippjanaw illi jizzewgu, minkejja li kellhom xi problemi ma' omm l-intimata f'mument minnhom, r-rikorrent hass il-htiega illi jghin lill-persuna illi huwa kien ihobb billi jixtrilha karozza biex tkun tista taghmel il-facendi taghha bit-tarbija illi lanqas kienet tieghu. Huwa kien ghamel hekk ghax, kif stqarr ir-rikorrent stess, huma kienu ser jizzewgu u ghalhekk ma kellu ebda raguni ghaliex ma jaghmilx dak li ghamel. Ghalhekk, sa dana il-punt, hemm il-gustifikazzjoni u ghalhekk dana ir-raba element ma jidhirx ippruvat.

Madanakollu, kif sviluppaw l-affarjiet, f'mument minnhom thassret ir-relazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk tali gustifikazzjoni ma baqghetx aktar esistenti, billi l-hsieb wara dak li ghamel ir-rikorrenti kien biex jghid lill dik il-persuna illi kienet ser tkun il-mara tieghu, liema hsieb sfaxxa fix-xejn meta iggieled mal-intimata u il-familjari taghha ma riedu li bl-ebda mod mar-rikorrent jersaq lejhom, kif stqarru huma stess. Ghalhekk, f'dak il-mument, il-gustifikazzjoni ma baghetx aktar wahda fattibbli bir-rizultat li r-raba element fuq indikat jirrizulta li gie ppruvat wkoll.

Ghalhekk, jirrizulta ben ippruvat li, ghalkemm l-intimata tisthaq li il-karozza kienet attwalment rigal da' parte tar-rikorrent, hija spiccat biex staghniet minn fuq ir-rikorrent, tant illi, ftit xhur wara li spiccaw, anqas minn tlett xhur, bieghet il-karozza bi tpartit sabiex ommha tixtri karozza u ta dan inghata sitt elef u hames mitt euro biex tixtri ghamara.

Illi ghalhekk huwa car lil-intimata hadet beneficcju minn 'kwazi-kuntratt' illi sar bejn il-partijiet, meta r-rikorrent hallas flus ghal vettura li huwa xtara ghal mara futura tieghu, liema beneficcju kien marbut ma tali fatt illi eventwalment sfaxxa meta r-relazjoni spiccat. Tali fatt, ghalhekk, iwassal ghal konkluzjoni illi, peress li, kif qalet ben tajjeb l-Prim Awla tal-Qorti Civili, "m’huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta’ ħaddieħor (nemo licet locupletari cum aliena iactura)", allura l-intimata hija obbligata illi trodd lura dawk il-flejjes li inkorra r-rikorrent.

Il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnutax illi, ghalkemm jidher li r-rikorrent hareg is-somma ta' hamest elef u erbgha mitt Euro (€5,400), jirrizulta illi l-kawza odjerna hija ghal valur ta' hamest elef Euro (€5,000), u ghalhekk il-Qorti ser tillimita d-decizjoni taghha fuq tali talba.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda tal-partijiet u xhieda ohra,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi Tichad l-eccezzjonjiet kollha tal-intimata

Tilqa t-talbiet attrici u

Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) kif mitluba fir-rikors promotur, flimkien mal-imghax mid-data tal-ppresentata tal-proceduri odjerni, ossija 20 ta' Jannar 2011, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------